Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 510/2016

Il-Pulizja

Spettur Sandra Zammit

Vs

Ali Mohamed Younes Mohamed

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Ali Mohamed Younes Mohamed detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 52121A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 ta' Ottubru, 2013 ghall-habta tas-6.30pm gewwa Triq il-Mazzola, Qawra:-

1. Volontarjament ikkaguna girehi ta' natura gravi, serja u permanenti fuq il-perasuna ta' Zayid Anani Ahmed skond kif iccertifika Dr. C. Muscat Reg. No. 1493 gewwa l-Mosta Health Centre.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess teighu arma li taqta', tniggez u bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qabad arma kontra Zayid Anani Ahmed sabiex idejqu, jodorbu jew jaghmillu hsara;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra Zayid Anani Ahmed sabiex idejqu, jodorbu jew jaghmillu hsara;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna lil Zayid Anani Ahmed jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bi kliem insolenta lil Zaydi Anani Ahmed;
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen fil-pubbliku;
8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni bi glied u storbju;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovid ghas-sigurta' ta' Victoria Camilleri jew sabiex jinsamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu innfisu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-24 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tal-hames, sitta, seba' u tmien imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, wara li rat l-artikoli 17, 31, 218(1)(b), 230(c), 231(1)(b), 339(1)(d) u 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u filwaqt li laqghet l-eccezzjoni tal-provokazzjoni izda mhux dik tal-legittima difeza, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha fid-dawl ta' dak deciz izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €116.47.
Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-hati b'garanzija personali tieghu nnifsu a favur ta' Zayid Anani Ahmed taht penali ta' elf (€1000) ghal zmien sena, sabiex izomm il-kwiet mieghu.
Il-Qorti fehmet lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ali Mohamed Younes Mohamed, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkonferma in parte is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet *il-Pulizija vs Ali Mohamed Younes Mohamed* deciza fl-24 ta' Ottubru, 2016, fejn l-esponenti ma giex misjub hati tal-hames, is-sitt, is-sebgha u t-tmien akkuza migjuba kontra tieghu u li minnhom gie liberat.
2. Tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti laqghet l-evvezzjoni tal-imputat tal-provokazzjoni;
3. Thassar u tirrevoka ghall-kumplament fejn l-appellant instab hati ta' l-ewwel erba' akkuzi u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u alternattivament u fl-eventwalita' illi l-Qorti ssib htija, tirrifomha kwantu ghal-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Ali Mohamed Younes Mohamed:

Aggravji

Illi l-aggavju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

a. L-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin meta sabet lill-appellant hati tat-tieni u tielet akkuza. Dwar il-pussess ta' arma minghajr licenzja, l-appellant jirrimetti ruhu biss ghall-provi ghaliex effettivament ma jirrizultax li l-appellant kellu fil-pussess tieghu arma. Il-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova oltre kull dubju ddettat mir-raguni li effettivament, l-appellant kelluarma u cioe' mus. Wiehed kien jistenna li f'kaz bhal dan, l-prosekuzzjoni tharrek nies ohra li kienu fil-hanut fil-hin ta' l-incident sabiex huma jixhdu dwar jekk effettivament l-appellant kellux mus jew le. Kuntrarju ta' dan, l-appellanti tellgha' diversi xhieda fejn dawn ikkonfermaw li ma rawx mus f'idejn l-appellant. Minn naha tieghu l-appellant cahad ii hu kellu mus fuqu.

b. Bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni li hija konvinta li ntuza mux ghax ic-certifikat rilaxxjat minn Dr. C Muscat ma jhalli l-ebda dubju li ntuza mus.
c. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, issa appellant, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890, '71 cosi" detto onero della prova, cioe" il carico di fornire, spetta a chi accusa — onus probandi incumbit qui osserzvit". Hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt u l-esponenti mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda nies ohra li kienu fir-restaurant dakinhar tal-incident u dan minkejja li skond ix-xhieda ta' l-istess Zayid Anani Ahmed kien hemm hafna nies ohra fir-restaurant.
d. Bir-rispett kollu, l-Fwwel Qorti filwaqt li irrikonoxxiet li Zayid Anani Ahmed ta' verzjonijiet differenti, ma tatx bizzejjed importanza dan il-fatt, liema verzonijiet kienu konflingenti u inverosimili ghall-ahhar. Fl-incident report, Zayid Anani Ahmed stqarr li kien jaf lill-appellant ghaliex xi zmien qabel huwa stess (u cioe Zayid Anani Ahmed) kien talbu ghal xoghol filwaqt li l-istess Zayid Anani Ahmed xehed quddiem il-Qorti li kien jaf lill-appellant ghaliex madwar xahar qabel dan l-incident, kien qieghed go bar li jinsab f'Bugibba, marru 5 min-nies jiggildu mieghu, hu telaq jigri u l-appellant qabad sikkina u beda jigri warajh, ghal liema incident Zayid Anani Ahmed ghazel li ma jaghmilx rapport lill-pulizija. Lanqas ma kien konsistenti fuq fejn proprju kien qieghed hu stess meta sar l-incident tant li fl-incident report gie rraportat li kien qieghed hdejn il-bieb tal-hanut u fix-xhieda tieghu quddiem l-Ewwel Qorti l-ewwel xehed li huwa kien qieghed hdejn il-bieb tal-hanut izda in kontro ezami huwa stqarr li effettivament huwa kien qieghed fit-triq miexi ma habib tieghu.
e. Il-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-provi meta skartat ghal kollox il-fatt li qatt ma ngabet prova ii l-appellant kellu l-intenzjoni generika li

jikkaguna griehi. B'referenza ghal dak li inghad mill-Professur Mamo (Notes on Criminal Law, Vol II, pagna 226):

'The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible". . . "To constitute the crime of willfull bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues."

f. Illi meta wiehed jikkonsidra l-fatti u l-provi prodotti, jirrizulta ampjament ippruvat li l-appellant imbutta lil Zayid Anani Ahmed sabiex dan ta' l-ahhar jieqaf jaghtih. Fil-fatt kien proprju Zayid Anani Ahmed stess li rraporta lill-ufficcjal tal-pulizija li kien proprju hu li ta' daqqa ta' ponn lill-appellant l-ewwell . Anke jirrizulta li kien proprju Zayid Anani Ahmed li ghajjat lill-appellant fejn dan ta' l-ahhar b'mod vera civili mar sabiex jara x'ridt jghidlu; 'Jiena ghajjattlu, kont jien li ghajjattlu, kif diga xhedt u staqsejtu ghalfejn kien qed jigri warrajja bis-sikina . . . Nghid illi jiena avvicinajtu u ghidtlu 'Mohammed nista' inkellmek' u hu qalli 'ghal right ella kellimni'. (afol. 46-48).

g. Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u tal-provi meta cahdet id-difiza ta' l-appellant tal-legittima difiza li spjega li proprju it-tlett elementi rikjesti mill-ligi kienu prezenti. Mill-provi irrizulta ampjament ippruvat li kien Zayid Anani Ahmed li ghajjat lill-imputat ghas-sodisfazzjoni u kien Zayid Anani Ahmed stess li tah daqqa ta' ponn, bl-appellant jirreaggixxi ghall-agressjoni u jimbotta lil Zayid Anani Ahmed sabiex dan ta' l-ahhar jieqaf jaghtih.

h. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Qorti naqset milli tieghu in konsiderazzjoni l-fatti specie tal-kaz u proprju li l-ideja principali ta' l-appellant kien li jara x'ried jghidlu Zayid Anani Ahmed, persuna li huwa ma kienx jaf ghajr di vista. Pero meta ra dik l-aggressjoni fil-konfront tieghu, huwa qabad u imbotta lill-vittma sabiex ma jkomplix jaghtih. Fid-dawl tas-suespost jirrizulta carament li l-appellanti agixxa taht id-difiza tal-legittima difesa u dan ghaliex huwa iddefenda ruhu mill-perikolu li kien mhux gust, gravi u inevitabbli. A rigward ta' proporzjonalita, l-appellant ma ngabitx prova oltre kull dubju dettata mir-raguni li effettivament l-appellant fergha lill-Zayid Anani Ahmed b'mus. L-appellant insista li meta imbuttah, proprju kellu cwievet u l-mobile f'idejh.

i. Illi in oltre, l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin sabet htija fir-raba akkuza u cioe li l-appellant hebb ghal Zayid Anani Ahmed sabiex idejqu, jodorbu jew jaghmillu hsara.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2017 fejn l-Avukat Generali issolleva l-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell u dan billi hemm karenza tat-talba billi l-appellanti talab kemm ir-revoka kif ukoll il-konferma tad-decizjoni impunjata minghajr ma intallbet il-varjazzjoni ta'l-istess u kwindi ir-rikors ma jirrispekkjax id-dettami tal-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali.

Semghet is-sottomissjonijiet fuq dan il-pregudizzjali hekk issollevat.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal din l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell billi hemm karenza tat-talba fejn l-appellanti qed jitlob kemm it-thassir u kif ukoll it-tibdil tad-decizjoni impunjata u dan meta t-talba giet hekk abozzata *verbatim*:

"**Ghaldaqstant**, l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ta'l-Appell Kriminali joghgobHa, li ghar-ragunijiet premessi u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu 'l quddiem waqt is-smiegh orali ta' dan l-appell:

1. **Tikkonferma** in parte is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Ali Mohamed Younes Mohamed deciza fl-24 ta' Ottubru 2016, fejn l-esponent ma giex misjub hati tal-hames, sitt, sebgha u tmien akkuza migjuba kontra tieghu u li minnhom gie liberat.
2. **Tikkonferma** il-parti ta-sentenza fejn l-Ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni ta'l-imputat tal-provokazzjoni.
3. **Thassar u tirrevoka** ghal kumplament fejn l-appellant instab hati ta'l-ewwel erba akkuzi u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u alternattivament u fl-eventawlita illi l-Qorti ssib htija, tirriforma kwantu ghal piena."

Illi minn qari tat-talba kif redatta, l-appellanti jommetti milli jitlob ir-riforma tad-decizjoni impunjata izda ighaddi minnufih biex jelenka punt punt it-talbiet tieghu. Illi ghalhekk kjarament jirrizulta illi l-appellanti kellu f'mohhu r-riforma jew it-tibdil tad-decizjoni impunjata ghalkemm il-kelma "tibdil" ma gietx adoperata minnu qabel ma ghadda biex jelenka serjatim dak li qed jitlob.

Issa minn ezami tal-gurisprudenza, ghalkemm il-Qrati taghna dejjem sahhqu illi l-artikolu 419 tal-Kap.9 ghandu jigi osservat skrupolozament, tant illi n-nullita tar-rikors ta'l-appell jista' sahansitra jigi sollevat *ex officio* mill-qorti, madanakollu jidher illi ir-rigidita zejda fl-applikazzjoni ta' dan id-dispost tal-ligi ghandha tigi evitata u dan sabiex, dejjem fil-parametri li tippermetti il-ligi, ma jigix mittiefes il-jedd fondamentali ghad-*doppio esame*. Jinsab deciz f'kaz analogu:

***"Il-prosekuzzjoni spjegat l-eccezzjoni taghha f'dan ir-rigward billi sostniet li fl-appell kellha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux it-thassir jew revoka. F'dan ir-rigward it-talba konkluzziva fir-rikors tal-appell setghet certament tigi redatta b'aktar precizjoni izda <u>din il-Qorti hi tal-fehma li sabiex it-</u>***

***talba tkun qed titlob ir-riforma tas-sentenza appellata ma hux tassattiv u assolutament mehtieg li tintuza l-kelma "tibdel" jew il-kelma "tirriforma" fit-talba sakemm ikun manifestament car li dak li jkun qieghed jintalab ikun it-tidil jew riforma tas-sentenza appellata.[1]"***

Issa ghalkemm fit-talba kif redatta ma hemmx il-kelma "riforma" jew "tibdil", kif inghad, madanakollu l-appellanti jispjega t-talbiet tieghu dettaljament billi jelenka serjatim il-mod kif jixtieq illi din il-Qorti tikkonsidra d-decizjoni impunjata u dan billi fl-ewwel lok tikkonferma dik il-parti fejn huwa gie illiberat mill-hames, sitt, sebgha u tmien akkuza, imbaghad tirrevokaha fejn instabet htija ghall-ewwel erba' akkuzi u subordinatament jekk din it-talba ma tintlaqax allura qed jitlob ir-riforma tal-piena – talba ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti cara u li tista tinftiehem, u li mal-ewwel tpoggi quddiem din il-qorti ta' revizjoni il-parametri ta' dan l-appell. Ma hemm xejn li b'xi mod jista' iwassal lil din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba hija wahda konfuzzjonarja jew kontradittorja billi kif inghad hemm spjegat car u tond dak li qed jigi mitlub minnha ghalkemm l-appellanti meta jirredigi ir-rikors ta'l-appell jommetti milli jindika illi qed tintalab ir-riforma tad-decizjoni impunjata.

***"ir-"raison d'etre" ta' l-artikolu 419 (1) (a) (b) ( c ) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza u l-legislatur ried li r-rikors ta' appell ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-pozizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali , minn x'hiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob[2]."***

Illi l-Qorti Kostituzzjonali[3] spjegat hekk l-ghan wara l-artikolu 419:

**Il-htiega li fir-rikors tal-appell jigi indikat b'mod car u mill-ewwel jekk l-appellant hux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha kemm hi jew il-varjazzjoni taghha (u allura liema parti qed jitlob li tigi konfermata u liema mibdula) hija imposta biex jigi assigurat li l-kawza titpogga fuq il-binarju korrett mill-ewwel,**

---

[1] Il-Pulizija vs Lorcharles Pace – deciza 20/07/2012

[2] Il-Pulizija vs Joseph John Agius – deciza 09/04/2003 App.Inf.

[3] Richard sive Rachela Spiteri et vs Avukat Generali deciza Q.K. 09/03/2010

**cioe` mal-presentata tal-istess rikors, u li ma jsirux appelli bl-addocc, specjalment meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet, ghas-semplici fini biex l-appellant jipprova, kif jghid il-Malti, "fejn laqat, laqat"! Il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdu ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja u sia jekk isiru mill-Avukat Generali, ikunu jistghu jinstemghu bi speditezza. Huwa minnu li din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900, meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li jkollhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija (kien biss bl-Att XXIX tal-1940 li l-kompetenza ta' din il-Qorti bdiet, ftit ftit, tigi estiza); izda r-rekwiziti, taht piena ta' nullita`, tal-imsemmija tlett paragrafi huma aktar importanti llum meta persuni spiss ikunu akkuzati b'diversi akkuzi (u ta' aktar serjeta` milli setghu qatt kienu fl-1900) u allura spiss jigri li jinstabu hatja ta' xi whud minnhom u jigu liberati minn ohrajn, u ghalhekk ikun indispensabbli li mill-bidu nett jigi ccarat x'qed jitlob l-appellant."**

Illi allura billi fil-fehma ta' din il-Qorti it-talbiet fir-rikors ta'l-appell jindikaw b'mod car illi l-appellanti qieghed jitlob il-varjazzjoni u mhux ir-revoka tad-decizjoni impunjata fejn huwa jispjega f'termini cari il-mod kif tali varjazzjoni qed tintalab, ma tarax illi l-Avukat Generali ghandu ragun fil-pregudizzjali minnu intentata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali u tordna il-prosegwiment tas-smigh ta'l-appell.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur